MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA
## ONOR. IMHALLEF
## MARK CHETCUTI

Seduta tat-8 ta' April, 2014

Rikors Numru. 179/2014

**Dr. Ann Fenech ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjetajiet Hyundai Heavy Industries Co Ltd u Hyundai Samho Heavy Industries Co Ltd**

**vs**

**Il-bastiment MV B Ladybug u b’digriet tal-1 ta’ April 2014 is-socjeta KPI Bridge Oil Ltd interveniet fil-proceduri in statu et terminis**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ta’ Ann Fenech nomine tal-25 ta’ Frar 2014 li jghid hekk:

Illi s-socjetajiet rikorrenti huma kredituri tal-bastiment intimat fl-ammont globali ta' erbgha u hamsin miljun, hamsa u disghin elf u tnejn u erbghin ewro u wiehed u tmenin centezmu (€54,095,042.81), salv spejjez u imghaxijiet illegali li jistghu jaqaw dovuti sad-data effettiv tal-pagament.

IIIi dan il-kreditu huwa naxxenti in segwitu ta':

A. Fir-rigward tal- First Priority Mortgage registrata favur is-socjeta rikorrenti Hyundai Samho Heavy Industries Co Ltd (HSHI)

1. Kuntratt ta' Shipbuilding tal-bastiment numru S399 (u cioe tal-bastiment intimat B Ladybug (IMO No. 9445394) datat 30 ta' Marzu 2007, li gie konkluz bejn is-socjeta estera Ducky Corporation (DNC) u s-socjeta rikorrenti Hyundai Samho Heavy Industries Co Ltd (HSHI), permezz ta' liema kuntratt l-istess HSHI kellha tlesti l-bini tal-bastiment intimat ghax-xerrej DNC sat-30 ta' Novembru 2011. Skond l-imsemmi kuntratt, il-partijiet qablu li l-prezz tal-bastiment kellu jkun ta' USD $89,300,000 u li dan l-ammont kellu jigi mhallas permezz ta' diversi pagamenti skond l-iskeda ta' pagamenti f’Artikolu X.2 tal-kuntratt.

2. Agreement of Corporate Name Change datat 30 ta' Awwissu 2010, li permezz tieghu is-socjetajiet HSHI u DNC, u cioe l-istess partijiet li kkonkludew il-fuq imsemmi kuntratt ta' Shipbuilding, ftehmu li l-isem tax-xerrej tal-bastiment fis-Shipbuilding Contract ta' 30 ta' Marzu 2007 kellu jinhidel u jsir B Ladybug Corporation (BLC).

3. Amendment Agreement datat 2 ta' Marzu 20 II, konkluz bejn is-socjetajiet HSHI. BLC, E Elephant Incorporation and TMT Co Ltd. wara li s-sid tal-bastiment intimat, B Ladybug Corporation naqset milli thallas il-pagamenti dovuti minnha. Permezz ta' dan il-ftehim, is-socjeta rikorrenti HSHI accettat sabiex taghti estenzjoni taz-zmien lil BLC ghall-hlas tal-pagament ta' USD $63,000,000 flimkien mall-imghaxijiet relatati (6.5%) li kien, u li ghandu sallum dovut, lill-istess socjeta rikorrenti HSHI. Il-partijiet qablu ukoll illi dan l-ammont kellu jigi kawtelat permezz ta' zewg ipoteki navali, wiehed irregistrat fuq il-bastiment "E Elephant" (IMO 9424261) fl-ammonti ta' USD $24,000,000 u l-iehor fuq il-bastiment intimat 'B Ladybug' fl-ammont ta ' USD $39.000,000.

4. First Priority Naval Mortgage, ossia ipoteka navali fuq il-bastiment intimat B Ladybug, rregistrat fir-registru navali ta' Panama fit-3 ta' Marzu 2011 fl-ammont ta' USD 39,000,000 u dan in kawtela tal-obbligi naxxenti mill-kuntratti fuq imsemmi.

B. Fir-rigward tas-Second Priority Mortgage registrata favur is-socjeta rikorrenti Hyundai Heavy Industries Co Ltd (HHI)

5. Kuntratt ta' Shipbuilding tal-bastiment numru 2175 (u cioe tal-bastiment H Whale (IMO No. 9470040) datat 17 ta' Awwissu 2007, li gie konkluz bejn is-socjeta estera V Elephant Corporation (VEC) u s-socjeta rikorrenti Hyundai Heavy Industries Co Ltd (HHI), pennezz ta' liema kuntratt l-istess HHI kellha tlesti l-bini tal-imsemmi bastiment ghax-xerrej VEC qabel it-28 ta' Frar 2011. Skond l-imsemmi kuntratt, il-partijiet qablu li l-prezz tal-bastiment kellu jkun ta' USD 153,100,000 u li dan l-ammont kellu jigi mhallas permezz ta' diversi pagamenti skond l-skeda ta' pagamenti f'Artikolu X.2 tal-kuntratt.

6. Memorandum of Agreement datat 10 ta' Novembru 2008, konkluz bejn is-socjetajiet VEC u HHI, u cioe l-istess partijiet li kkonkludew il-fuq imsemmi kuntratt ta' Shipbuilding, li permezz tieghu HHI ghazlet illi taghti estenzjoni ta' zmien lil VEC fir-rigward il-hlas tal-hames pagament li kien dovut (USD 15,310,000) taht il-Kuntratt ta' Shipbuilding tal-bastiment numru 2175.

7. Agreement of Corporate Name Change datat 10 ta’ November 2009, li permezz tieghu is-socjetajiet HHI u VEC ftehmu li l-isem tax-xerrej tal-bastiment fis-Shipbuilding Contract ta' 17 ta' Awwissu 2007 kellu jinbidel u jsir H Whale Corporation (HWC).

8. Liability Assumption Agreement datat f’14 ta' Gunju 2010 li gie konkluz bejn HHI, B Ladybug Corporation, HWC kif ukoll TMT Co. Ltd. Permezz ta' dan il-ftehim l-obbligi kollha tas-socjeta xerrejja HWC sabiex thallas il-pagamenti lil HHI gew transferiti lil u assunti minn TMT Co Ltd. Ghalhekk is-socjeta HWC giet rilaxxata

minn kull responsabbilta sabiex thallas il-pagamenti dovuti lis-socjeta rikorrenti HHI taht il-kuntratt ta' Shipbuilding tal-bastiment numru 2175.

9. Amendment Agreement datat 29 ta' April 2011 li gie konkluz bejn is-socjetajiet HWC, BLC, TMT Co. Ltd., HHI and HSHI wara li is-socjeta TMT Co. Ltd. naqset milli thallas il-pagamenti dovuti minnha. Permezz ta' dan il-ftehim, is-socjeta rikorrenti HHI accettat sabiex taghti estenzjoni taz-zmien lil TMT Co Ltd. ghall-hlas l-pagament ta' USD $15,000,000 flimkien mall-imghaxijiet relatati (6.5%) li kien, u li ghadu dovut, lill-istess socjeta rikorrenti HHI. Il-partijiet qablu ukoll li dan l-ammont kellu jigi kawtelat permezz ta' ipoteka navali registrata fuq il-bastiment intimat 'B Ladybug' fl-ammont ta' US 15,000,000.

10. lntercreditory Agreement datat 20 ta' Gunju 2011 konkluz bejn id-diversi socjetajiet involuti fosthom B Ladybug Corporation, HWC, HHI u HSHI, fejn gie iddikjarat mill-partijiet kollha li l-ipoteki navali kollha registrati fuq il-bastiment intimat ghandhom jiggradwaw pari passu.

11. Second Priority Naval Mortgage, ossia ipoteka navali, rregistrat fir-registru navali tal-Panama fl-20 ta' Gunju 2011 fl-ammont ta' USD 15,000,000 u dan in kawtela tal-obbligi naxxenti mill-kuntratti fuq imsemmi.

C. Fir-rigward tat-Third Priority Mortgage registrata favur is-socjeta rikorrenti Hyundai Samho Heavy Industries Co Ltd (HSHI)

12. Kuntratt ta' Shipbuilding tal-bastiment numru S400 (u cioe tal-bastiment C Ladybug (IMO No. 9445409) datat 30 ta' Marzu 2007, li gie konkluz bejn is-socjeta estera Ducky O Corporation (DOC) u s-socjeta rikorrenti Hyundai Samho Heavy Industries Co Ltd (HSHI), permezz ta' liema kuntratt l-istess HSHI kellha tlesti l-bini tal-imsemmi bastiment ghax-xerrej DOC qabel it-30 ta' Novembru 2011. Skond l-imsemmi kuntratt, il-partijiet qablu li l-prezz tal-bastiment kellu jkun ta' USD 89,300,000 u li dan l-ammont kellu jigi mhallas permezz ta' diversi pagamenti skond l-skeda ta' pagamenti f'Artikolu X.2 tal-kuntratt.

13. Kuntratt ta' Shipbuilding tal-bastiment numru S443 (u cioe tal-bastiment D Ladybug (IMO No. 9472206) datat 17 ta' Awwissu 2007, li gie konkluz bejn is-socjeta estera Ducky P Corporation (DPC) u s-socjeta rikorrenti Hyundai Samho Heavy Industries Co Ltd (HSHI), permezz ta' liema kuntratt l-istess HSHI kellha tlest il-bini tal-imsemmi bastiment ghax-xerrej DOC qabel it-12 ta' Jannar 2011. Skond l-imsemmi kuntratt, il-partijiet qablu li l-prezz tal-bastiment kellu jkun ta' USD 89,300,000 u li dan l-ammont kellu jigi mhallas permezz ta' diversi pagamenti skond l-skeda ta' pagamenti f'Artikolu X.2 tal-kuntratt.

14. Agreement of Corporate Name Change datat 30 of August 2010 li permezz tieghu is-socjetajiet HSHl, DOC u DOP flimkien ftehmu illi l-ismijiet tax-xerrejja tal-bastimenti fil-kuntratti ta' Shipbuilding tal-bastimenti numru S400 u S443 kellhom jinbidlu u jsiru C Ladybug Corporation (CLC) u D Ladybug Corporation (DLC) respettivament.

15. Amendment Agreement datat 6 ta' Lulju 2011 li gie konkluz bejn is-socjetajiet HSHl, CLC, DLC, and TMT Co Ltd wara li s-socjetajiet CLC U DLC naqsu milli

jhallsu l-pagamenti dovuti minnhom. Permezz ta' dan il-ftehim, is-socjeta rikorrenti HSHI accettat sabiex taghti estenzjoni taz-zmien lil CLC ghall-hlas tal-pagament ta' USD $5,000,000 flimkien ma' imghaxijiet (6.5%) li kien, u li ghandu dovut. Inoltre, HSHI accettat ukoll sabiex taghti estenzjoni taz-zmien lil DLC ghal-hlas tal-pagament ta' USD $5,000,000 flimkien ma' imghaxijiet (6.5%) li kien, u li ghandu dovut sallum. Il-partijiet qablu ukoll illi dawn l-ammonti ghandhom jigu kawtelati permezz ta' ipoteka navali registrata fuq il-bastiment intimat 'B Ladybug' fl-ammont ta' USD $10,000,000.

16. Intercreditory Agreement datat 8 ta' Lulju 2011 konkluz bejn is-socjetajiet rikorrenti HHI u HSHI flimkien mas-socjetajiet BLC, CLC, DLC u HWC fejn giet iddikjarata mill-partijiet kollha li l-ipoteki navali kollha registrati fuq il-bastiment intimat ghandhom jiggradwaw pari passu.

17. Third Priority Naval Mortgage, ossia ipoteka navali, rregistrat fir-registru navali tal-Panama fit-8 ta' Lulju 2011 fl-ammont ta' USD $10,000,000 u dan in kawtela tal-obbligi naxxenti mill-kuntratti fuq imsemmi.

18. Certificate of Ownership and Encumbrances mahrug mir-registru tal-bastimenti merkantili ta' Panama li juri li dawn it-tlett ipoteki navali ghadhom sallum rregistrati fuq il-bastiment intimat kif ukoll illi:

a. Is-somma massima garantita taht ii-First Priority Mortgage ta' USD $39,000,000 tissemma espressament fir-registru.
b. Is-somma massima garantita taht is-Second Priority Mortgage ta' USD $15,000,000 tissemma espressament fir-registru.
c. Is-somma massima garantita taht it-Third Priority Mortgage ta' USD $10,000,000 tissemma espressament fir-registru.

19. Parir Legali datata 22 ta' Ottubru 2013 mahrug mid-ditta tal-avukati ta' Patton, Moreno & Asvat fil-Panama, liema parir legali jikkonferma illi t-tlett ipoteki navali registrati fuq il-bastiment intimat fir-registru tal-bastimenti merkantili tal-Panama jissodisfaw ir-rekwiziti elenkati f'Artikolu 49 tal-Att dwar il-Bastimenti Merkantili u cioe illi:

(a) L-ipoteki navali huma validament registrati fir-registru tal-Bastimenti Merkantili tal-Panama;
(b) Ir-registru ta-Bastimenti Merkantili tal-Panama huwa registru publiku;
(c) Li l-ipoteki navali jidhru u huma evidenti meta wiehed jaghmel search fir-registru;
(d) Li l-ipoteki navali jinghataw status privileggjat u huma b'mod generali ekwivalenti fi status bhall-mortgage registrat fir-registru tal-bastimenti merkantili Maltin.

Ghalhekk ai termini tal-istess Artikolu 49, dawn it-tlett ipoteki navali registrati fir-registru tal-bastimenti Merkantili ta' Panama ghandhom l-istess drittijiet u poteri daqs li kieku kienu ipoteki navali registrati taht l-Att dwar il-Bastimenti Mekantili, Kap. 234 tal-Ligijiet ta' Malta - u ghalhekk jistaw jigu enforzati bl-istess mod bhal kwalunkwe titolu ezekuttiv iehor.

Peress illi s-sommom massimi garantiti permezz ta’ dawn it-tlett ipoteki navali kollha jidhru espressament fl-instrumenti li holqu il-garanziji (u cioe il-fuq imsemmija ipoteki navali) u peress illi dawn ic-cifri huma registrati fir-registru pubbliku tal-bastimenti

f'Panama, dawn it-tlett ipoteki navali jissodisfaw ir-rekwiziti kollha taht artikolu 42(2) ta' Kap. 234 ta' Ligijiet ta' Malta u ghalhekk dawn l-ipoteki navali ghandhom jitqiesu bhala titoli ezekuttivi ghall-finijiet tal-artikolu 253 tal-Kodici dwar l-Organizzazzjoni u Procedura Civili et seq.

Peress illi l-pagamenti kollha dovuti lis-socjetajiet rikorrenti u li gew kawtelati bir-registrazzjoni tal-imsemmija tlett ipoteki navali ghadhom sallum dovuti u ghadhom ma thallsux, jezistu "Events of Default" ai termini ta':

i. Klawzola 6.1.1 tal-First Priority Naval Mortgage datata 3 ta' Marzu 2011 li tipprovdi illi jezesti "Event of Default " meta "the Owner or TMT fails to pay any amount (whether in respect of principal, interest, or otherwise) due and payable by the Owner to the Mortgagee under this Mortgage or the other Security Documents to which it is a party on the due date;”

ii. Klawzola 6.1.1 tas-Second Priority Naval Mortgage datata 20 Gunju 2011 li tipprovdi illi jezesti "Event of Default" meta "the Owner, the 2175 Buyer or TMT fails to pay any amount (whether in respect of principal, interest, or otherwise) due and payable by the Owner to the Mortgagee under this Mortgage or the other Security Documents to which it is a party on the due date;”

iii. Klawzola 6.1.1 tas-Third Priority Naval Mortgage datata 8 ta' Lulju 2011 li tipprovdi illi jezesti "Event of Default" meta "the Owner, the S400 Buyer, the S443 Buyer or TMT fails to pay any amount (whether in respect of principal, interest, or otherwise) due and payable by the Owner to the Mortgagee under this Mortgage or the other Security Documents to which it is a party on the due date;”

B'ittra datata 18 ta' Ottubru 2013, is-sid tal-bastiment intimat gie formalment notifikat minghand is-socjeta rikorrenti Hyundai Samho Heavy Industries Co Ltd (HSHI) illi kicn hemm inadempjenza taht il-First Priority Mortgage kif ukoll taht it-Third Priority Mortgage bil-konsegwenza li ghalhekk kellu jithallas is-somma ta' USD $49,000,000 flimkien ma' imghaxijiet u spejjez dovut minnhu lill-istess socjeta rikorrenti li sad-data ta' din l-ittra ammontaw ghall-USD $8,071,013.

B'ittra datata 17 ta' Ottubru 2013, is-sid tal-bastiment intimat gie formalment notifikat minghand is-socjeta rikorrenti Hyundai Heavy Industries Co Ltd (HHI) illi kien hemm inadempjenza taht ls-Second Priority Mortgage bil-konsegwenza li ghalhekk kellu jithallas is-somma ta' USD $15,000,000 flimkien ma' imghaxijiet u spejjez dovut minnhu lill-istess socjeta rikorrenti li sad-data ta' din l-ittra ammontaw ghall-USD $2,299,375.

IIli nonostante li ntbaghtu dawn iz-zewg ittri lis-sid tal-bastiment, B Ladybug Corporation, dawn l-ammonti baqaw sallum dovuti ghaliex l-istess sid tal-bastiment intimat baqa' inadempjenti.

Illi permezz ta' ittra ufficjali nru 3255/13 presentat fir-registru ta' dina l-Onorabbli Qorti fl-24 ta' Ottubru 2013 (kopja ta' din l-ittra qed tigi annessa u immarkata bhala 'Dokument 'AF3'), notitikata lill-bastiment, is-socjetajiet rikorrenti interpellaw lis-sid tal-bastiment sabiex ihallas l-ammont dovut, izda s-sid sal-lum xorta wahda baqa' inadempjenti.

Illi nonostante n-notifikat tal-fuq imsemmija ittra ufficjali B Ladybug Corporation (is-sid tal-bastiment MY B Ladybug) baqghu inadempjenti u ghalhekk skond il-ligi t-tlett ipoteki navali fuq il-bastiment MY B Ladybug registrati favur is-socjetajiet rikorrenti, liema ipoteki navali kif gja ntqal hawn fuq huma titoli ezekuttivi Ii issa gew rezi ezegwibbli ai termini tal-Artikolu 253 et seq. tal-Kap. 12.

Illi in kawtela tal-kreditu dovut. is-socjetajiet rikorrenti ottjenaw il-hrug ta' Mandat ta' Arrest ta' Bcejjec tal-Bahar numru 1527/113 JM kontra l-bastirnent MV B Ladybug fl-4 ta' Ottubru 2013 Ii gie ezegwit dak in-nhar stess (Kopja tal-imsemmi rnandat qed tigi annessa u mmarkata bhal Dokument 'AF4'), liema mandat kawtelatorju sussegwentament gie rez wiehed ezekuttiv permezz tal-presentazzjoni ta' Nota ai termini tal-Artikolu 838B tal-Kap. 12 fir-registru ta' dina I-Onorabbli Qorti fl-1 ta' Novembru 2013 kif milqughha minn dina I-Onorabbli Qorti fis-6 ta' Novembru 2013. Kopja ta' dina n-nota flimkien mad-digriet ta' dina I-Onorabbli Qorti huma hawn annessi u mmarkati 'Dokument AF5'. Permezz ta' din in-nota, il-kreditu tal-rikorrenti nomine gie kanonizat fl-ammont ta' erbgha u hamsin miljun, hamsa u disghin elf u tnejn u erbghin ewro u wiehed u tmenin centezmu (€54,095,042.81).

Il-bastirnent MV B Ladybug jinsab ghalhekk maqbud f'din il-gurisdizzjoni gewwa Bunkering Area 3 kif jirrizulta mir-riferta tal-marixxal hawn anessa u mmarkata 'Dokument AF6'.

Illi in vista tal-fatt Ii sallum ma sar ebda hlas favur is-socjetajiet rikorrenti, u peress illi s-socjetajiet rikorrenti irnexxilhom jsibu xerrej Ii huwa lest jixtri I-istess bastiment ghall-prezz deterrninat, I-istess rikorrenti issa jixtiequ jenforzaw it-titolu ezekuttiv li ghandhom permezz tal-bejgh tal-istess bastiment B Ladybug, approvat mill-Qorti ai termini ta' Artikoli 358 sa 364 ta' Taqsima I, Titolu VII sub-titolu V tal-Kodici tal-Organizazzjoni u Procedura Civili "Fuq il-bejgh approvat mill-Qorti ghall-vapuri, bastimenti u ingenji tal-ajru":

D. Illi ai termini ta' Artikolu 358 din I-Onorabbli Qorti fuq rikors ta' kreditur b'titolu ezekuttiv, ghandha s-setgha tapprova I-bejgh privat ta' vapur favur xerrej identifikat u bil-hlas ta' prezz determinat.

E. Illi ai termini ta' Artikolu 359 ir-rikorrenti noe qeda tipprezenta ma' dan I-istess rikors, zewg stimi kif mitluba mill-ligi ta' zewg stimaturi indipendenti u ta' fama internazzjonali liema stimi jindikaw Ii I-valur fuq is-suq prezenti u attwali tal-bastiment B Ladybug fil-kundizzjoni Ii jinsab fiha il-bastiment, huwa ta' bejn hamsin miljun dollaru Amerikan (US$50,000,000) (ekwivalenti ghas-somma ta' sitta u tlettin miljun, hames mija u hamsin elf ewro (€36,550,000)) u is-somma ta' hamsa u hamsin miljun dollaru Amerikan (US$55,000,000) (ekwivalenti ghas-somma ta' erbghin miljun u mitejn elf ewro (€40,200,000)). Illi z-zewg stimaturi huma:

a) I-Ing. Paul Cardona u I-Ing. Karl Briffa - Ii taw stima ta' erbgha u hamsin miljun dollaru Amerikan (US$54,000,000) kopja annessa u mmarkata bhala 'Dokument AF7'

u

b) Is-socjeta estera Fearnleys - Fearnsale li taw stima ta' bejn hamsin miljun dollaru Amerikan (US$50,000,000) (ekwivalenti ghas-somma ta' sitta u tlettin miljun, hames mija u hamsin elf ewro (€36,550,000» u s-somma ta' hamsa u hamsin miljun dollaru Amerikan (US$ 55,000,000) (ekwivalenti ghas-somma ta' erbghin miljun u mitejn elf ewro (€40,200,000)).

F. Illi s-socjetajiet rikorrenti rnexxielhorn nonostante s-suq limitat hafna ta' bastimenti second hand ta' dan it-tip ta' bastiment (u cioe (pure car/truck carrier) kif ukoll ta' dan il-kobor, isibu xerrej li hu ppreparat ihallas is-somma ta' euro 40,855,037 ghall-dan il-bastiment u cioe circa 500,000 euro iktar mill-istimi.

G. Ghalhekk qed jigi sottomess li l-prezz ta' erbghin miljun, tmien mija u hamsa u hamsin elf u sebgha u tlettin ewro (€40,855,037) huwa ragonevoli ferm fic-cirkostanzi tal-kaz.

H. Ghalhekk fit-18 ta' Frar 2014 intlahaq ftehim preliminari u cioe Memorandum of Agreement, bejn is-socjetajiet rikorrenti Hyundai Heavy Industries Co Ltd u Hyundai Samho Heavy Industries Co Ltd. kif ukoll is-socjeta estera G Poseidon Corporation (Ii hija nkorporata gewwa l-Panama), fejn is-socjeta G Poseidon Corporation ikkonfermat Ii hija lesta tixtri il-bastiment ghas-somma ta' erbghin miljun, tmien mija u hamsa u hamsin elf u sebgha u tlettin ewro (€40,855,037) u dan skond il-pattijiet u kundizzjonijiet imsemmija fl-istess ftehim (kopja annessa u mmarkata bhala 'Dokument AF 9') inkluz iI-kundizzjoni Ii l-bejgh ikun jista' jsir biss jekk jigi approvat minn din l-Onorabbli Qorti ai termini ta' Artikolu 358.

I. Illi skond Klawzola 1 ta' dan l-istess Memorandum of Agreement, il-partijiet ftehmu illi Dr. Kris Borg detentur ta' Karta ta' Identita Numru 10768M kellu jigi nominat lil dina l-Onorabbli Qorti fir-rikors ghall-bejgh approvat mill-Qorti tal-bastiment ghall-finijiet ta' Artikoli 362 and 363 ta' Kapitolu 12 tal-Ligijiet Malta.

J. Ghalhekk ir-rikorrenti noe qeda titlob iil dina l-Onorabbli Qorti sabiex tahtar li Dr. Kris Borg bhala l-persuna li tkun intitolata tittrasferixxi l-bastiment skond il-pattijiet u l-kondizzjonijiet approvati mill-Qorti, bhallikieku kien is-sid registrat tal-bastiment, kif ukoll sabiex dan ikun intitolat jiddepozita l-prezz tal-bastiment fil-Qorti fi zmien sebat ijiem mid-data ta' meta l-bejgh jigi finalizzat.

llli ai termini ta' Artikolu 360 dan ir-rikors qed jigi notifikat IiI kull min ghandu interess f'dan il-bastiment kif maghrufa lis-socjetajiet rikorrenti u cioe, lil-bastiment intimat, lir-registratur tal-bastimenti merkantili, IiI Omega Bunker S.r.l (kreditur iehor tal-bastiment) tramite Dr. Tonio Grech il-mandatarju specjali tal-istess socjeta u lill-Dr. Aaron Mifsud Bonnici, Ii qed jirrapprezenta l-interessi tal-membri tal-ekwipagg.

Ghalhekk bl-akbar rispett u umilta lejn l-awtorita ta' din l-Onorabbli Qorti r-rikorrenti nomine titlob:

1. IIIi ai termini ta' Artikolu 358, il-Qorti tapprova l-bejgh privat tal-bastiment B Ladybug lis-socjeta estera G Poseidon Corporation erbghin miljun, tmien mija u hamsa u hamsin elf u sebgha u tlettin ewro (€40,855,037) skond it-termini u l-kundizrjonijiet stipulati fil-Memorandum of Agreement datat 18 ta' Frar 2014.

2. Illi ai termini ta' Artikolu 362, il-Qorti fid-digriet ta' approvazzjoni tal-bejgh tahtar lii Dr. Kris Borg detentur ta' Karta ta' Identita Numru 10768M bhala l-persuna li b'hekk tkun intitolata tittrasferixxi l-bastiment skond il-pattijiet u l-kondizzjonijiet approvati mill-Qorti u dan bhallikieku kien is-sid registrat tieghu bl-effetti kollha stipulate fil-ligi partikolarment, Artikoli 362 sa 364 ta' Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

3. Fin-nuqqas li Dr. Kris Borg, detentur ta' Karta ta' Identita Numru 10768M jigi mahtur minn dina l-Onorabbli Qorti ghall-fuq imsemmija finijiet, il-Qorti tahtar persuna ohra ghall-dawk l-istess finijiet.

Rat li f’dan ir-rikors irrispondew il-vapur debitur, u tlett kredituri maghrufa;

Rat l-atti u semghet lil partijiet u d-difensuri taghhom;

Rat li l-vertenza thalliet ghal-provvediment finali.

**Ikkunsidrat**

Is-socjetajiet rikorrenti qed jipprivalixxu ruhhom mill-artikolu 358 tal-Kap. 12 biex il-Qorti tapprova bejgh privat tal-vapur intimat. L-elementi necessarji biex ir-rikorrenti jutilizza dan il-provvediment tal-ligi huma:

1. Titolu ezekuttiv favur il-kreditur cioe l-bejjigh kontra d-debitur;
2. Abbozz ta’ ftehim ta’ bejgh ma’ kumpratur identifikat bi prezz pattwit;
3. Zewg valutazzjonijiet indipendenti maghmula mill-bejjiegh dwar il-valur tal-vapur;
4. Prova mill-bejjiegh illi l-bejgh hu fl-interess tal-kredituri maghrufa u l-prezz hu ragonevoli fic-cirkostanzi.

Jidher mill-premessi tar-rikors u dokumenti in sostenn illi s-socjetajiet esteri kredituri, rapprezentati minn Dr. Ann Fenech gabu prova cara u mhux opposta illi fil-fatt ghandhom titolu ezekuttiv u qed jezegwixxu dan it-titolu fuq il-vapur MV B Ladybug bil-bejgh privat tieghu skond ma jitlob u jippermetti l-artikolu 358 tal-Kap. 12. Fil-fatt gie esebit kif mitlub mill-ligi, memorandum of understanding bejn ir-rikorrenti u s-socjeta estera G Poseidon Corporation ghal bejgh lil tal-ahhar tal-istess vapur ghal prezz ta’ €40,855,037 skond l-istess memorandum datat 18 ta’ Frar 2014 kif sussegwentement emendat. Dan il-prezz hu circa €500,000 aktar miz-zewg stimi indipendenti mressqa mill-istess rikorrenti wahda tal-Inginier Paul Cardona u Inginier Karl Briffa ta’ bejn €36,550,000 u €40,200,000 u stima ohra tas-socjeta estera

Fearnleys - Fearnsale tal-istess valur. Jirrizulta illi l-ewwel stima saret b'vessel inspection u t-tieni saret minghajr tali spezzjoni izda bazata biss fuq il-valur ta' bcejjec tal-bahar simili u informazzjoni mehuda minn 'standard reference books'.

Jirrizulta li t-tlett kredituri li ppartecipaw f'din il-vertenza ghamlu sottomissjonijiet bil-kitba u bil-kelma.

Is-socjeta Omega Bunker S.r.l. talbet li mill-bejgh jekk approvat jigi eskluz bunkering supplit lil vapur u li ghalih l-istess socjeta ghandu kreditu b'titolu ta' sentenza tal-Qorti tal-4 ta' Marzu 2014. B'verbal fis-seduta tas-27 ta' Marzu 2014, din it-talba giet irtirata ghalkemm inzamm ferm id-dritt tal-kreditu ta' Omega Bunker.

Is-socjeta Cronos Containers Limited talbet li mill-bejgh jigu eskluzi 16 Rolltrailers mikrija lil AB Plant Shipping Limited u li jinsabu fuq il-vapur. Hi esebiet i-ftehim rilevanti u l-kundizzjoni dwar ir-riserva tad-dritt ta' proprjeta a fol. 207 et seq. tal-process. Din it-talba ma gietx opposta mis-socjeta rikorrenti u hadd mill-partijiet interessati f'din il-vertenza ma wera ebda oppozizzjoni inkluz il-vapur debitur.

Kwindi din il-Qorti ma ssibx li hemm raguni ghaliex din it-talba ma tigix milqugha.

Sar ukoll rikors mis-socjeta KPI Bridge Oil Limited li ddikjarat li ghandha kreditu kontra l-MV B Ladybug ghal marine bunker fuel u filwaqt li zammet ferm id-dritt taghha ta' kreditu ssottomettiet li l-interess taghha f'dawn il-proceduri hu illi l-bejgh privat ikun a beneficcju tal-kredituri kollha skond il-ligi.

Id-debitur cioe s-socjeta B Ladybug Corporation, sid il-vapur in kwistjoni fir-risposta tieghu oppona ghal bejgh privat tal-vapur ghaliex

1. Il-bejgh bil-prezz stabbilit mhux fl-ahjar interess tal-kredituri skond il-ligi peress illi ma ngibitx il-prova li timkombi fuq il-kreditur ezekutant skond il-ligi. Il-fatti li l-prezz hu ftit aktar mill-istimi esebiti ma jwassalx ghal tali konkluzzjoni;
2. F'bejgh privat ma hemmx il-publicizzar tal-bejgh bhal bejgh bl-irkant biex jersqu persuni interessati li jistghu joffru l-ahjar prezz fis-suq u ghalhekk l-oneru tal-prova tal-kreditur ezekutant li juri lil Qorti li dan il-bejgh hu fl-ahjar interess tal-kredituri kollha u mhux tieghu biss trid tigi sodisfatta b'mod konkret;

3. Wahda mill-istimi prezentati saret bla ebda spezzjoni tal-vapur u fl-istess stima nghad li t-tul tal-vapur jista' jkun ta' xkiel ghad-dhul f'certi portijiet u l-konsum tal-fuel hu elevat, zewg cirkostanzi kontradetti mill-kaptan tal-vapur fix-xiehda quddiem il-Qorti. In-nuqqas ta' physical inspection wassal ukoll li l-istimi ma haditx in konsiderazzjoni extra features bhal mobile car decks u tailshaft monitoring arrangement u stern ramp ta' 320MT. B'dawn il-features wiehed ma jistax jaqbad u jipparaguna vapur ma iehor;
4. Minhabba limitazzjoni ta' zmien ma saritx inspection fizika pero saret stima ex parte mill-proprjetarju tal-vapur mis-socjeta Trafalgar Shipping Services LLP bazata fuq informazzjoni li kellha u waslet ghal valur ta' USD7,500,000.

In kwantu ghall-ewwel zewg sottomissjonijiet tad-debitur din il-Qorti tqis illi l-artikolu 358 tal-Kap. 12 holoq mod ta' esekuzzjoni ta' dritt ezekuttiv li hu sui generis, u jrid jinqara u jigi interpretat fl-isfond ta' dak li tipprovdi l-ligi Maltija a rigward. Il-ligi taghti lil kwalsiasi kreditur ezekutant li jmexxi bil-bejgh ta' vapur appartenenti lid-debitur tieghu b'mod dritt minghajr ma jirrikorri ghal procedura ta' subbasta. Dan ma jfissirx, sakemm il-ligi tibqa' kif inhi, illi l-kreditur qieghed b'xi mod jabbuza mid-drittijiet tieghu moghtija bil-ligi meta jirrikorri ghal bejgh privat milli bil-bejgh fil-forma aktar pubblika jew pubblicizzata. L-opzjoni hi maghrufa u moghtija mill-ligi u dan fih innifsu ma jikkreja ebda nuqqas jew pregudizzju a priori.

Il-Qorti pero hi konxja u ghandha toqghod attenta li d-dritt moghti lil kreditur ezekutant ma jigix abbuzat jew uzat b'mod legger li bih jista jaghti lok ghal pregudizzju pruvat lil kredituri ohra tal-istess debitur jew li l-istess debitur ikun qed jigi privat mill-proprjeta tieghu bla ma jkollu opportunita li jinstema' u jressaq kull sottomissjoni relevanti ghal finijiet tal-artikolu 356 tal-Kap. 12.

Hu ghalhekk impost bhala obbligu primarju biex jirnexxi l-bejgh privat illi l-kreditur ezekutant jipprovdi zewg stimi indipendenti dwar il-valur tal-vapur skond il-fattispecie li japplikaw ghal kaz u dan sabiex jipprova zewg elementi li bihom il-Qorti trid tkun sodisfatta. L-ewwel hu illi l-valur ghandu jkun ragonevoli fic-cirkostanzi tal-kaz u t-tieni li l-bejgh tal-bastiment hu a beneficcju tal-kredituri maghrufa. Iz-zewg elementi jimxu id f'id u l-prova tinkombi fuq il-kreditur ezekutant.

Hu minnu illi kreditur ezekutant fittex l-ewwel u qabel xejn l-interess tieghu li jigi sodisfatt il-kreditu dovut lilu in parti jew kollu. Ma jfissirx b'daqshekk illi jekk il-valur tal-vapur mhux bizzejjed biex jissodisfa l-kreditu kollu tal-kreditur ezekutant u/jew il-krediti ta' kredituri ohra maghrufa, dan wahdu ser jostakola l-bejgh. Il-ligi trid li l-bejgh ikun a beneficcju tal-kredituri maghrufa minghajr ma jirreferi ghal privileggi ta' pregradwazzjoni li jinsorgu minn krediti marittimi. Kwindi l-iskop tal-ligi hu illi in principju, minghajr ma jitqies 'ir-ranking' tal-kredituri, il-bejgh hu ta' beneficcju ghal kredituri, avolja jista' jkun li meta r-rikavat jasal biex jinqasam mhux kull kreditur ser jiehu l-kreditu dovut lilu mir-rikavat tal-bejgh. Il-ligi kull ma tghid biss hu li l-bejgh hu a beneficcju tal-kredituri u dan b'mod generali u mkien ma trid li l-bejgh biex ikun ta' beneficcju irid bil-fors jissodisfa l-krediti kollha tal-kredituri maghrufa.

Dan iwassal ghal element essenzjali cioe li l-valur u l-bejgh prospettat li jrid jigi mgharraf lil Qorti biex tirnexxi l-procedura in kwistjoni, irid ikun tali li fic-cirkostanzi ser jivvantaggja l-kredituri huma min huma u huma kemm huma ghax hu valur ragonevoli fic-cirkostanzi tal-kaz u illi l-istess debitur ikollu l-opportunita li jaghmel kull sottomissjonijiet lil Qorti biex juri l-kuntrarju jekk hu l-kaz. L-istess dritt ghandu jkun fakoltativ ghal kull kreditur iehor interessat fl-istess proceduri bi kreditu li jista' jintlaqat bil-bejgh tal-vapur.

Hu pacifiku li hafna drabi, minhabba l-ispejjez kbar li jirrizultaw minn surveys u stimi illi hu l-kreditur li aktar ghandu jiehu li jkollu l-interess u s-sahha finanzjarja li jintraprendi din it-triq. Hu l-obbligu tieghu li jipprova a sodisfazzjon tal-Qorti illi l-istimi huma ragonevoli u illi l-ftehim ta' bejgh prospettat hu vantaggjuz tenut kont tal-istimi prodotti. Il-prova dwar il-validita u valur perswasiv tal-istimi hi wahda mhollija fid-diskrizzjoni tal-Qorti. Il-Qorti tqis li la darba l-kreditur ezekutant ikun ressaq stimi sostanzjati b'rapporti u surveys kredibbli ghar-ragunijiet li waslu ghall-istima, ma hemmx lok li l-Qorti titlob verifika gudizjarja b'espert nominat minnha ghax il-ligi timponi fuq il-kreditur din il-prova u salv dubbju serju dwar il-validata tal-prova l-Qorti ghandha thossha sodisfatta mill-prova. Sta ghad-debitur jew kredituri ohra li jirribattu l-provi teknici u finanzjarji dwar il-valur li jipprovaw mod iehor a sodisfazzjon tal-Qorti biex l-istess Qorti ma tapprovax il-bejgh pruvat.

Il-Qorti ma taqbilx mas-sottomissjoni tad-debitur li l-bejgh b'subbasta jaghti iktar pubblicita u kwindi aktar probabbilta ta' bejgh vantaggjuz b'diversi persuni li jippartecipaw fix-xiri tal-vapur. Il-bejgh b'subbasta fih ukoll l-incertezzi tieghu b'rizultati li jissorprendu favorevolment jew negattivament lil kredituri u kwindi ebda paragun ma jista' jittiehed.

It-tielet u r-raba sottomissjoni tad-debitur jolqtu l-element sostantiv tat-talba cioe l-valur li ghalkemm il-Qorti tikkondividi s-sottomissjonijiet verbali li saru mill-partijiet kollha li rrikorrew f'dawn il-proceduri cioe li l-valur wahdu mhux determinanti ghas-success tat-talba pero hu pacifiku li hu element mill-aktar importanti.

F'dan il-kaz il-kreditur ezekutant ressaq zewg stimi wahda ta' ditta ta' marine surveyors barranija ta' Dicembru 2013 u ohra ta' marine surveyors Maltija ta' Jannar 2014, it-tnejn bl-istess konkluzzjoni dwar valur. L-istima tad-ditta barranija Fearnleys – Fearnsale saret bla ebda spezzjoni tal-vapur izda strahet biss fuq l-ispecification tal-vapur b'mod generali mehuda bhala fatt illi il-vapur hu seaworthy u f'kundizzjoni tajba bi prompt charter free delivery u ricerka dwar bejgh ta' vapuri ohra ta' kobor simili.

It-tieni stima identika ghal tal-ewwel pero maghmula mid-ditta ta' surveyors Cardona/Briffa hi ferm dettaljata wara li sar on board inspection u r-rapport jiddetalja dak kollu maghruf fuq il-vapur u l-attrezzar tieghu. Il-valutazzjoni riportata a fol. 74 tal-process hadet in konsiderazzjoni diversi fatturi cioe age of vessel, builder and where built, quality of outfit, type of vessel, market conditions for the type of vessel, state of maintenance, outstanding recommendations by class, proximity of special survey by class, history of vessel.

Kontra dawn l-istejjem giet prezentata stima da parti tad-debitur li hi ferm oghla minn dik moghtija mir-rikorrenti. Filwaqt li l-istejjem kalkolati f'dollari Amerikani tas-socjetajiet imqabbda mir-rikorrenti jiehdu medja ta' bejn USD50,000,000 u USD55,000,000, is-socjeta stimatrici mqabbda mid-debitur cioe Trafalgar Shipping Services LLP taw stima ta' USD75,000,000. Il-Qorti tirrileva illi l-vapur inbena tlett snin ilu bi prezz ta' USD89,300,000. L-istima maghmula mid-debitur ma saritx b'on board survey izda hi bazata bhal dik ta' Fearnleys – Fearnsale provduta mis-socjeta

rikorrenti fuq suppozizzjonijiet dwar market value u b'informazzjoni limitata u bla spezzjoni tal-classification records.

Il-Qorti tixtieq tirrimarka fuq is-sottomissjoni maghmula mid-debitur dwar iz-zmien limitat biex issir stima. Zgur li stima simili f'dawn ic-cirkostanzi fejn hemm flus kbar involuti tista' ssir fi zmien qasir hafna u s-sidien tramite l-avukat Larry Gauci irrileva li hu kien il-konsulent legali tad-debitur fit-18 ta' Marzu 2014 u nghata sal-1 ta' April 2014 biex jipprezenta risposta. Dan ma hux terminu qasir u in ogni kaz ma saret ebda talba ghal estensjoni jew biex isir survey fuq il-vapur mid-debitur.

Il-Qorti tqis illi ebda paragun ma jista jsir bejn din il-valutazzjoni u dawk pprezentati mir-rikorrenti billi l-valutazzjoni tas-socjeta debitrici hi wahda generika ghall-ahhar minghajr konsiderazzjoni ghal fattispecie partikolari.

Hu minnu illi wahda mill-valutazzjonijiet tas-socjeta rikorrenti hi wkoll generika peress li ma sarx spezzjoni tal-vapur u fil-fatt is-socjeta debitrici attakkat din il-valutazzjoni fis-sottomissjoni taghha ghal din ir-raguni.

Din il-Qorti kienet tkun propensa thares lejn din il-valutazzjoni b'cirkospezzjoni billi fil-fehma tal-Qorti, wahedha jew flimkien ma' ohra maghmula b'mod generiku ma tippruvax ir-ragonevolezza tal-istima. Pero din l-istima trid tittiehed fl-assiem mal-istima ferm dettaljata u studjata u bl-ebda mod attakkata tas-surveyors Cardona/Briffa li waslu ghall-istess stima tas-surveyors barranin mqabbda mis-socjeta rikorrenti.

Il-Qorti kienet tkun aktar sodisfatta li kieku l-istimi kollha prodotti mis-socjeta rikorrenti saru wara surveys tal-vapur innifsu pero f'dan il-kaz tenut kont tas-survey Malti u l-valur li hu rispekkjat fl-istima tas-surveyors barranin ma jhallix dubju f'mohh il-Qorti illi l-valur mhux wiehed ragonevoli tenut kont tac-cirkostanzi elenkati fir-rapport tas-surveyors Cardona/Briffa u l-osservazzjonijiet li saru mis-surveyors barranin dwar il-kobor tal-vapur u l-isvantaggi li dan jista' jikkreja kif ukoll il-konsum tal-istess vapur.

Ma saret ebda kontestazzjoni valida dwar dawn l-istimi mehudin flimkien u l-Qorti tqis li fic-cirkostanzi ma hemm xejn li jrazzan lil Qorti li tqis li r-rikorrenti ppruvaw l-element tar-ragonevolezza tal-istimi.

Il-prezz tal-bejgh jisuppera b'nofs miljun euro l-istimi prodotti. Jista' jkun, kif argumentat, li f'bejgh b'irkant il-valur migjub jista' jkun oghla pero hu daqstant iehor argumentabbli li jista' jgib valur orhos.

Il-ligi ma timponi ebda bzonn ta' offerti fis-suq biex jingieb paragun u r-rikorrenti mhux obbligati li jaghmlu dan. Semmai sta ghal kredituri l-ohra jew id-debitur li pendenti l-proceduri li jwasslu ghal din it-talba, li jdumu xhur sa minn meta jkun hemm is-sejha ghal hlas tad-debitu, li jaghmlu l-almu taghhom li jippruvaw huma wkoll igibu stimi jew offerenti serjament interessati fl-akkwist bi prezz u kundizzjonijiet li jkunu ahjar minn dak offert mill-kreditur ezekutant. Wara kollox ghandu jkun prezunt li anki l-kreditur ezekutant ghandu interess igib l-ahjar prezz biex jigi sodisfatt il-kreditu tieghu, specjalment bhal ma hu dan il-kaz, illi l-prezz tal-bejgh ma jissodisfax anqas il-kreditu tal-kreditur ezekutant. Il-massima illi l-buona fede hi prezunta ma ghandhiex tigi skartata anqas f'dawn il-proceduri.

Lanqas ma ngiebet prova minn ebda parti interessata illi l-bejgh fih innifsu tenut kont ta' xi cirkostanzi ohra partikolari ghal kaz kien ser ikun ta' hsara ghal finijiet ta' assi, introjtu jew prospett ta' assi u introjtu disponibbli biex jigi saldat il-kreditu anki in parti, mehud b'mod generali u li tista' tinduci lil Qorti tqis illi l-bejgh ghalhekk ma kienx ser jiggova l-kredituri f'dan l-istadju.

Il-Qorti pero tikkunsidra bhala prova rilevanti d-dokumentazzjoni esebita mir-rikorrenti f'dan l-aspett tal-vertenza billi urew illi ppruvaw jippublicizzaw il-bejgh tal-vapur u saru 15-il expression of interest, ghalkemm erbgha biss urew interess b'offerta ta' prezz li kienu anqas mill-offerta mertu tal-memorandum of understanding esebit ma' dan ir-rikors.

Ghalhekk f'dawn ic-cirkostanzi l-Qorti tqis li ma hemmx raguni fondata ghaliex ma ghandhiex tintlaqa' t-talba ghal bejgh privat essendo l-elementi ghal tali talba gew pruvati ai fini li jrid l-artikolu 358 tal-Kap. 12.

**Decide**

Ghalhekk il-Qorti taqta’ u tiddeciedi billi tilqa’ t-talbiet tar-rikorrenti u tordna l-bejgh privat tal-bastiment MV B Ladybug lis-socjeta G Poiseidon Corporation u dan bl-eskluzzjoni mill-bejgh tal-16 Rolltrailers li jinsabu fuq il-vapur u li huma proprjeta ta’ Cronos Containers Limited bil-prezz ta’ erbghin miljun, tmien mija u hamsa u hamsin elf u sebgha u tletin euro (€40,855,037), skond it-termini u kondizzjonijiet stipulati fil-Memorandum of Agreement datat 18 ta' Frar 2014, li hu esebit fl-atti liema bejgh ghandu jaghti lix-xerrej titolu mhux aggravat minn kull privilegg jew piz ai termini tal-artikolu 364 tal-Kap. 12, b’dan illi din id-decizjoni ma jkollha ebda effett jekk il-ftehim ta’ bejgh ma jigix konkluz entro tlett gimghat millum.

Ghal fini tat-tieni talba jekk isir il-kuntratt fiz-zmien stabbilit mill-Qorti tahtar lil avukat Dr. Kris Borg sabiex ai termini tal-artikolu 362 tal-Kap. 12 ikun intitolat jitrasferixxi l-bastiment skond il-kondizzjonijiet fuq imsemmija fil-Memorandum of Agreement tat-18 ta' Frar 2014, bhallikieku kien is-sid registrat tieghu bl-effetti kollha stipulati senjatament dawk tal-artikoli 363 u 364 tal-Kap. 12.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------